FGURA

Minuti tal-laqgħa 60 tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 26 t'Ottubru 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur B. Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A. DeGiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur C. Bonello 18:43<br>Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sra R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli 18:34<br>Is-Sur A. Debono<br>Is-Sur M. Lombardo |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Chev. D Marmara` KLJ kiteb lill-Kunsill minn qabel il-laqgħa sabiex ikun skużat. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni ta' dan il-Kunsillier hija ġustifikata.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Minuti

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3175/11/6 "Sabiex il-minuti tal-Laqgħa 58 tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss, bil-għan li tkun inkluża kull deċiżjoni tac-*chairman* dwar xi *point of order* imqajjem hekk kif stipulat mill-Att Dwar il-Kunsill Lokali (KAP. 363) – IS-SITT SKEDA – 14A. (3) (f)". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3175/11/6 kienet approvata unanimament.

Mayor, vicemayor, councillors r secl

1.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3176/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti datati 14 ta' Ottubru, 2011." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3176/11/6 kienet approvata b'erba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

**2.0 Korrispondenza**

2.01 Ma kienx hemm korrispondenza.

**3.0 Purchase Request Forms**

3.01 Ma tressqet l-ebda Purchase Request Form.

**4.0 Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3177/11/6 "Sabiex jiġu approvati Skeda tal-ħlasijiet – Rapporti ta' xiri u Pagamenti 15/10/11 sa 25/10/11" (annessi bħala 'DOK A'). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3177/11/6 kienet approvata b'erba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

**5.0 Tenders**

5.01 Ma kien imressaq l-ebda tender.

**6.0 Memos**

6.01 Ma tressqet l-ebda memo.

**7.0 Rapporti ta' Kumitati u Sotto-Kumitati**

7.01 Ma tressaq l-ebda rapport.

**8.0 Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali**

8.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3178/11/6 "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura japprova l-pjanti annessi għall-proġett tal-playing field ta' Ġnien Patri Redent Gauci, u jżid *safety gate* u *covered seating.*" (ara 'DOK B' anness) Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3178/11/6 ġiet approvata unanimament.

8.02 Is-Sindku semma' li l-kumpanija LK Ltd. ressqet talba ta' kumpens lill-Kunsill permezz tal-avukat. Il-Kunsill se jkun qed iwieġeb għal din it-talba permezz tar-rappreżentant legali.

**9.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.01 Is-Sindku ressaq il-Pjan ta' Ħidma 2011-2013 għad-diskussjoni.

9.01.1 Is-Sur C Bonello qal li dan il-pjan ta' ħidma ma kellux ikun parti mill-item Komunikazzjoni mis-Sindku.

9.01.2 Is-Sindku qal li dan il-Pjan ta' Ħidma se jkun qed jitressaq għad-diskussjoni f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

9.02 Is-Sra R Cutajar ressqet mozzjoni ref: 3179/11/6 "Wara li l-Kunsill Lokali tal-Fgura ġie mistieden mill-President ta' Malta sabiex iżur il-Palazz, il-Kunsill għandu jorganizza ħarġa fl-24 ta' Novembru. Bi spiża ta' mhux aktar minn 200 ewro." Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3179/11/6 ġiet approvata unanimament.

9.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3180/11/6 "Sabiex jinħareġ 'Mill-Kunsill' bil-kulur li jkun jiffoka l-aktar fuq il-laqgħa tal-President mal-għaqdiet volontarji u Jum il-Fgura 2011, u l-ħarġa għall-palazz". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3180/11/6 ġiet approvata unanimament.

9.04 Is-Sindku wieġeb għall-mistoqsijiet (Ara 'DOK C' anness) li tressqu lilu minn qabel il-laqgħa mis-Sur C Bonello, billi qara t-tweġibiet annessi bħala 'DOK D'.

Is-Sur C Bonello ressaq dikjarazzjoni mehmuza bħala 'Dok E'.

**10.0 Trasport Pubbliku**

10.01 Din it-tema ma ġietx diskussa.

**11.0 Mozzjonijiet**

11.01 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 12.0 <u>Aġġornament</u>

12.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru, fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:10.

Sindku

Segretarju

**Kunsill Lokali: Fgura**

**Skeda Nru. 60**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data 15/10/11 sa 25/10/11**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Tac-Cekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Maltapost plc | €50.00 | €50.00 | D | PF | stamps | nil | nil | nil | nil | | 6940 |
| 2 | Go plc | €57.81 | €57.81 | D | PF | bill no 26726009 re tel and ADSL 21805907 kera 1/10/11-31-10-11 konsum 1/9/11-30/9/11 | 11/10/11 | 26726009 | nil | nil | | 6941 |
| 3 | Go plc | €21.19 | €21.19 | D | PF | bill no 26718273 re tel 21664000 kera 1/10/11-31-10-11 konsum 1/9/11-30/9/11 | 11/10/11 | 26718273 | nil | nil | | 6942 |
| 4 | Go plc | €19.89 | €19.89 | D | PF | bill no 26718274 re tel 21667649 kera 1/10/11-31-10-11 konsum 1/9/11-30/9/11 | 11/10/11 | 26718274 | nil | nil | | 6943 |
| 5 | Go plc | €21.60 | €21.60 | D | PF | bill no 26718289 re tel 21664222 kera 1/10/11-31/10/11 konsum 1/9/11-30/9/11 | 11/10/11 | 26718289 | nil | nil | | 6944 |
| 6 | Go plc | €158.26 | €158.26 | D | PF | bill no 26739023 re mob 79664222 for Sept 11 | 11/10/11 | 26739023 | nil | nil | | 6945 |
| 7 | Melita plc | €30.00 | €30.00 | D | PF | inv 31074165 - re fibre powered internet Club Hse 1/10/11-31/10/11 | 01/10/11 | 31074165 | nil | nil | | 6946 |
| 8 | Melita plc | €22.20 | €22.20 | D | PF | inv 31174272 re tel 27664000 period 8/10/11-7/11/11 | 08/10/11 | 31174272 | nil | nil | | 6947 |
| 9 | Dennis Aguis | €84.00 | €84.00 | D | PF | inv 486 - lifter service on 14/10/11 for Fgura Local Council | 14/10/11 | 486 | 5162 | 5320 | | |
| 10 | Vince Ironmongery | €26.30 | €26.30 | D | PF | inv 38278 - 36 Led dur 30 hr | 17/10/11 | 38278 | 5163 | 5321 | | |
| 11 | WasteServ Malta Ltd | €6,446.25 | €4,347.42 | D | PF | inv 012697 - re MSW Waste for Sept 11 pay as per AKL circular | 15/10/11 | 12697 | nil | nil | | |
| 12 | Smart Office Supplies Ltd | €141.88 | €141.88 | D | PF | inv 13026096 - 6 boxes A4 paper, pkt sticky notes, 4 kaxxi paper clips small, riga | 20/10/11 | 13026096 | 5168 | 5326 | | |
| 13 | Parrocca Madonna tal-Karmnu Fgura | €250.00 | €250.00 | D | PF | invoice re uzu tas-sala parrokkjali u tas-sala San Gorg preca, PA System u armar tal-fjuri fil-knisja ghal Jum il-Fgura | 13/10/11 | nil | 5159 | 5317 | | |
| 14 | M&C Embroidery | €256.36 | €256.36 | D | PF | inv 1498 - 25 polo shirts | 14/10/11 | 1498 | 5157 | 5315 | | |
| 15 | Horace Enterprises Ltd | €460.00 | €460.00 | D | PF | inv 6907/6908 - medalji / tokens Jum il-Fgura 2011 | 20/10/11-21/10/11 | 6908-6907 | 5152-5170 | 5309-5328 | | |
| 16 | Ray's Jewellery Ltd | €500.00 | €500.00 | D | PF | inv 2072 - 10 sterling silver medals Hajr il-Fgura | 20/10/11 | 2072 | 5166-5140 | 5297-5324 | | |
| 17 | B.L.E.E.P. | €94.40 | €94.40 | D | PF | inv BLP10132 - re face painting on 23/10/11 | 23/10/11 | BLP10132 | 5147 | 5304 | | |
| 18 | B.L.E.E.P. | €177.00 | €177.00 | D | PF | inv BLP10133 - re magician/baloonist on 23/10/11 | 23/10/11 | BLP10133 | 5138 | 5295 | | |
| 19 | Copy Quick | €80.00 | €80.00 | D | PF | inv 004254 - 400 copies in colour re programm Jum il-Fgura | 18/10/11 | 4254 | 5164 | 5322 | | |
| 20 | Mgarr Farming Co Ltd | €165.00 | €165.00 | D | PF | inv 1730 - 300 fruit cups re Jum il-Fgura | 23/10/11 | 1730 | 5150 | 5307 | | |
| | **Sub Total c/f** | **€9,062.14** | **€6,963.31** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,062.14** | **€6,963.31** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

'DOKA'

**Kunsill Lokali: Fgura**

**Skeda Nru. 60**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 15/10/11 sa 25/10/11**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Vince Ironmongery | €108.94 | €108.94 | D | PF | inv 38279/38280 - welding rods, disks 14", grinding disks, thinner, cable ties, 2 x1 ltr Hammerite, 4 brushes re tizjin tal-Milied | 22/10/11-24/10/11 | 38279-38280 | 5175-5177 | 5335-5333 | | |
| 23 | Tech Zone | €70.80 | €70.80 | D | PF | inv 3573 - tel set, testing of 2 tel lines and installation | 25/10/11 | 3573 | 5179 | 5338 | | |
| 24 | Paul Magri | €613.00 | €613.00 | D | PF | inv 45072 - 60 hollow sections , 40 roundbars | 22/10/11 | 45072 | 5176 | 5334 | | |
| 25 | | | | | | | | | | | | |
| 26 | | | | | | | | | | | | |
| 27 | | | | | | | | | | | | |
| 28 | | | | | | | | | | | | |
| 29 | | | | | | | | | | | | |
| 30 | | | | | | | | | | | | |
| 31 | | | | | | | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€792.74** | **€792.74** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€9,062.14** | **€6,963.31** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,854.88** | **€7,756.05** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

DOK 'B'.




**Changes to existing Playing Field:**

> removal of swings near bocci club.

> playing area to be accessed from entrance D only - construct planters around playing area, install gate near club house, install two fixed gates and a central gate at entrance D.

> amend entrance A to make it suitable for ambulance entry.

> multi purpose pitch to be surrounded with better netting and also roofed over by net.

> install basket ball nets and football goal posts in multi purpose pitch.

> added planter around pitch and throughout the playing field.

> bring in site skips to be relocated from pavement to be part of the playing field landscaping - area to be excavated so that bring in sites will be partly below ground level.

> install new benches near playing field area and near fountain.

> make the necessary work to bring the fountain back in operation.

> remove all existing playing equipment and install new playing equipment up to the necessary standards.

> install signage in playing field.

> install CCTV system.

> upgrade lighting system.

Architect & Civil Engineer:
PERIT WILLIAM LEWIS

| | |
|---|---|
| Client: | FGURA LOCAL COUNCIL |
| Works: | EMBELLISHMENT OF EXISTING PLAYING FIELD |
| Dwg title: | PROPOSED PLAYING FIELD LAYOUT PLAN |
| Scale: 1:200 on A1 | Date: OCT '11 |
| Drawing Number: Job No.: -- | Ref: - / Drawing No: 01 / Rev: - |

| Rev. | Date | Description |
|---|---|---|

'DOK C'

# Fgura Local Council at DLG

**From:** Bonello Charles at OPM [charles.bonello@gov.mt]
**Sent:** 26 October 2011 02:14
**To:** Fgura Local Council at DLG
**Cc:** Byron Camilleri
**Subject:** Agenda 26 t'Ottubru 2011

Sur Segretarju,

Qed nibghatlek annessi numru ta mistoqsijiet li nixtieq naghmel lis-Sindku fil-laqgha tal-lejla. Qed nghati dan l-avviz skond kif jipprovdu l-Ordnijiet Permanenti sezzjoni 13.

Mill-agenda, annessa mal-e mail ukoll, ma hemmx item mistoqsijiet skond kif jitolbu l-ordnijiet permanenti (nirreferik ghal sezzjoni 5 f) u ghalhekk nitolbok tindikali fi xhin ser ikolli l-opportunita li nghamel dawn il-mistoqsijiet.

Napprezza twegiba minghandek kemm jista jkun malajr.

Grazzi hafna.

Dejjem tieghek,

**Charles BONELLO**
**Kunsillier**

c.c Sindku, Kunsill Lokali Fgura

FGURA

LILL-KUNSILLIERA KOLLHA U L-PUBBLIKU

# LAQGHA TAL-KUNSILL

INT MITLUB SABIEX TATTENDI GHAS-60 LAQGHA TAS-SITT KUNSILL LI SER ISSIR NHAR L-ERBGHA 26 T'OTTUBRU 2011 FIS-6.30 P.M. FL-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL.

SAHHIET,

CHRISTOPHER CUTAJAR
AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

## AGENDA

1. MINUTI
2. KORRISPONDENZA
3. PURCHASE REQUEST FORMS
4. HLASIJIET
5. TENDERS
6. MEMOS
7. RAPPORTI TA' KUMITATI U SOTTO KUMITATI
8. PROĠETTI, TOROQ U XOGHOLIJIET INFRASTRUTTURALI
9. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU
10. TRASPORT PUBBLIKU
11. MOZZJONIJIET
12. AĠĠORNAMENT

**Mistoqsija Numru 1:**

Lis-Sindku

Jista s-Sindku jinforma lill-Kunsill Lokali min kien mistieden b'mod formali ghall-attivita ta Jum il-Fgura? Jista jipprovdi lista ta min kien mistieden?

Id-Deputati tad-Distrett kienu mistednin ghal dawn l-attivitajiet?

**Mistoqsija Numru 2:**

Lis-Sindku

Jista s-Sindku jghid x'kienet ir-raguni li nhar il-Hadd li ghadha fl-Okkazzjoni ta Jum il-Fgura, waqt li kien qed jakkumpanja lill-President ta Malta mill-knisja sal-Kazin tal-Banda, minflok ghaddha min-naha tat-triq fejn ser jinbena l-ufficcju l-Gdid tal-Kunsill Lokali sabiex anke l-President ta' Malta jkollu l-opportunita li jara l-progett li qed jghamel il-Kunsill (l-ikbar progett li qatt ghamel il-Kunsill Lokali Fgura) ghadda minn quddiem il-kazin tal-Partit Laburista fejn kien hemm corma nies qed tistenna fuq il-bankina jista jkun b'kumbinazzjoni?

Fid-dawl ta dak li gie nfurmat bih il-Kunsill Lokali cioe li l-Presidenza riedet izzomm il-boghod mill-politika, jara li kien opportun li s-Sindku ta opportunita lill-membri tac-Centru Laburista li jiltaqghu mal-President barra l-kazin laburista u fl-istess hin is-Sindku ma tax l-istess opportunita lill-membri tal-Kazin Nazzjonalista?

Ma jhoss li b'dan l-agir kien politikament zbaljat?

**Mistoqsija Numru 3:**

Lis-Sindku

Jichad is-Sindku li meta hrigna mill-Knisja jien esprimejt ruhi mieghu li fit-triq lejn il-Kazin tal-Banda ghandna naqsmu fuq in-naha ta fejn qed jinbnew il-Premises il-godda tal-Kunsill Lokali. Minkejja li approva dak li tlabtu jien, xorta wahda ghamel hiltu sabiex jghaddi minn fuq il-bankina tac-Centru Laburista?

**Mistoqsija Numru 4:**

Lis-Sindku

Jichad is-Sindku li kif bdejna mixjin, anke l-ADC tal-President talbu sabiex naqsmu t-triq u s-Sindku wieghbu "mhux min hawn imma iktar il`fuq".

**Mistoqsija Numru 5:**

Lis-Sindku

Nirreferik ghall-Kodici ta "Protokoll Lokali u Regjonali" sezzjoni 19 – Ilbies ta Insinja.

F'din is-sezzjoni hemm indikat car meta l-insinja ghandha tintliebes u nikkwota:
"i. Jum il-Lokalita;
ii. Jekk ikun hemm zjara fil-lokalita minn xi dinjitarju (per ezempju l-President, Prim Ministru, Ministri, Segretarji Parlamentari, Ambaxxaturi u dinjitarji ohrajn .........."

Minkejja li f'Jum il-Fgura ma ccelebrajniex biss Jum il-Lokalita izda anke kien hawn zjara ufficjali mill-President, tista tghati r-ragunijiet lil dan il-Kunsill ghalfejn ma ilbiestx l-insinja kif stipulat f'dan il-kodici?

Taghraf li dak li ghamilt kien bi ksur ta dawn il-Kodici ta Protokoll Lokali u Regjonali?

Taghraf li dak li ghamilt jista jirrizulta anke f'nuqqas ta rispett lejn il-Kap tal-Istat Malti?


Sent Items - Microsoft Outlook
Sent Items
Favorite Folders
Mailbox - Fgura Local Council
Mon 24/10/2011 07:48
Valerio Schembri
FW: New Fgura Local Council Premises
Reg Psaila
RE: Tiqina Stagjonali
Byron Camilleri
FW: GRTU newSTRING -21st October 2011
Camilleri Byron at DLG; Mr B...
permits
Fri 21/10/2011 15:53
9 KB
permits
Fgura Local Council at DLG
You forwarded this message on 24/10/2011 07:37
To: Camilleri Byron at DLG; Mr Byron Camilleri
Cc: 'chris.a.cutajar@gmail.com'
Hereunder please find list of permits issued today, Saturday 22nd October, 2011
RWP3-1863/11 – 9,Triq il-Misk
Opp St. Joseph, Triq San Pietru
116, Triq Sant'Antnin
RWP3-1862/11 - 20, Triq San Frangisk
200, Triq il-Kampanella
17, Triq is-Sur
High Up – 181, Triq il-kamnu for the 22nd Oct from 8:30am till 7pm
61, El Shante, Triq Censu Busuttil for the 26th Oct from 7am till 7pm
Lifter – Vjal Kottoner k/m Triq tal-Gallu for the 22nd Oct from 8:30am till 12pm
Regards,
Ritianne

**Risposti ghall-mistoqsijiet tas-Sur Charles Bonello**

Dok 'D'

**Twegiba ghal Mistoqsija Numru 1**

Ghall-attivitajiet ta' Jum il-Fgura kienu mistednin id-Deputati kollha tad-distrett, li huma:

- Galea Mario
- Dr. Francis Agius
- Dr. Carmelo Mifsud Bonnici
- Dr. George Vella
- Joe Mizzi
- Helena Dalli
- Stefan Buontempo
- Dr. Owen Bonnici
- Chris Agius
- Carmelo Abela

Ukoll, gie mistieden ufficjalment mill-Kunsill Lokali tal-Fgura il-kandidat tal-Partit Nazzjonalista Dr. John Bonello.

Il-lista tad-Deputati tal-Partit Nazzjonalista giet provduta mill-Kunsillier tal-Partit Nazzjonalista is-Sur Mark Lombardo. Kif imsemmi hawn fuq, l-unika kandidat u mhux Deputat mistieden kien Dr. John Bonello, li kien imnizzel fl-email provdut mill-Kunsillier tal-Partit Nazzjonalista stess. Dan meta, f'email li bghatt jiena fil-21 t'Ottubru 2011, fit-14.40, tlabt lill-Kunsillier tal-Partit Nazzjonalista l-emails tal-Membri Parlamentari tad-distrett, u mhux tal-kandidati (Dok. A)

**Twegiba ghal Mistoqsija Numru 2**

Ninfurmak li ma kontx jien li qed nidderiegi lill-President ta' Malta min liem bankina ghandu jghaddi, izda l-Pulizija tat-traffiku. Tant hu hekk, li f'certu hinijiet kont qed nitkellem mal-Kunsillier Charles Bonello u l-ADC tal-President u mhux nidderiegi.

**Twegiba ghal Mistoqsija Numru 3**

Ma nichadx, u dan ghaliex anke jien xtaqt li nuru lill-President ta' Malta il-progett li investa fih il-Kunsill Lokali tal-Fgura minkejja li l-Gvern ricentament irrifjuta li jghin lill-Kunsill Lokali tal-Fgura finanzjarjament sabiex isir investiment b'rizq il-kommunita' tal-Fgura.

**Twegiba ghal Mistoqsija Numru 4**

Ma nichadx, filwaqt li nirreferik ghat-twegiba ta' mistoqsija numru 2.

**Twegiba ghal Mistoqsija Numru 5**

Dan sar sabiex nirrispekja l-ispirtu ta'nuqqas ta' formalita li gejna mitlubin insegwu mill-Ufficju tal-President ta' Malta u kif ukoll kif il-President wera, kemm fil-laqgha tas-17 ta' Ottubru u kemm l-attivita tat-23 t'Ottubru. Meta l-President ta' Malta kien offrut li jkun pozizzjonat f'qaghda prominenti waqt il-quddiesa ta' Jum il-Fgura, peress li din saret taht il-patroncinju tal-istess Kap tal-Istat, l-Ufficju tal-President irrifjuta li jsir dan. Kien ghalhekk, li jien qghadt lura mill-formalitajiet sabiex ma npoggix lili nnifsi f'qaghda aktar prominenti mill-Kap tal-Istat. Hekk hassejt u ghadni nhoss li jixraq. Filwaqt li nistqarr li dan m'ghamiltu bl-ebda nuqqas ta' rispett lejn il-Kap tal-Istat li lejh, ghandi rispett kbir, tant li jien stess bghatt l-istedina tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, sabiex jghamel zjara ufficjali gewwa l-Fgura.

Gmail by Google

Byron Camilleri <byroncamilleri@gmail.com>

# Hajr il-Fgura

4 messages

**Mark Lombardo <marklombardo.fg@gmail.com>**
To: Byron Camilleri <byroncamilleri@gmail.com>
**21 October 2011 14:38**

qed nibghalek nota qasira dwar il-persuni nominati ghal Hajr il-Fgura....nahseb li ghandna nkunu fil-qosor.....Nicole u t-Tabib Balzan f'idejk

Mark

---

**giehFgura2011.doc**
25K

---

**Byron Camilleri <byroncamilleri@gmail.com>**
To: Mark Lombardo <marklombardo.fg@gmail.com>
**21 October 2011 14:40**

Tajjeb. Thanks

l-emails tal-mp's tad-distrett bghattom? Ghax bla invit ha jibqghu, almenu jircivu bl-email

**Byron Camilleri**

Mayor

Fgura Local Council

e | byroncamilleri@gmail.com

w | www.byroncamilleri.com

m | +356 79270207

---

**From:** Mark Lombardo [mailto:marklombardo.fg@gmail.com]
**Sent:** 21 October 2011 14:39
**To:** Byron Camilleri
**Subject:** Hajr il-Fgura

qed nibghalek nota qasira dwar il-persuni nominati ghal Hajr il-Fgura....nahseb li ghandna nkunu fil-qosor.....Nicole u t-Tabib Balzan f'idejk

Mark

---

**Mark Lombardo <marklombardo.fg@gmail.com>** **21 October 2011 14:53**
To: Byron Camilleri <byroncamilleri@gmail.com>, Fgura Local Council at DLG <fgura.lc@gov.mt>
carmelomifsudbonnici@gov.mt,
Agius Francis at Parlament-MT <francis.agius@parlament.mt>,
Galea Mario at MHEC <mario.galea@gov.mt>,
john.bonello@maltanet.net
[Quoted text hidden]

---

**byroncamilleri@gmail.com <byroncamilleri@gmail.com>** **22 October 2011 11:24**
Reply-To: "byroncamilleri@gmail.com" <byroncamilleri@gmail.com>
To: "fgura.lc@gov.mt" <fgura.lc@gov.mt>

Sent from my Nokia phone
[Quoted text hidden]

---

**giehFgura2011.doc**
25K

---

Dikjarazzjoni  DOK 'E'

Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza li għaddiet bejn is-Sindku, is-Segretarju, jiena u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-item fl-Agenda "Mistoqsijiet"

Charles Bonello
Kunsillier

**Bonello Charles at OPM**

**From:** Tabone Joseph at OPM
**Sent:** 26 October 2011 16:50
**To:** byroncamilleri@gmail.com; Fgura Local Council at DLG; Bonello Charles at OPM
**Cc:** Abela Carmel at OPM; Galea Christopher at OPM
**Subject:** FW: Agenda 26 t'Ottubru 2011
**Importance:** High

Sinjuri,

Nitlobkom tirreferu għall-estratt mil-liġi kif indikat hawn isfel liema estratt jgħid b'mod ċar illi ' ....... ***L-ordni tax-xogħol, KEMM IL-DARBA l-Kunsill ma jiddeċidix xorta oħra.......................... għandu jkun kif ġej:......................... (f) Biex jirrispondi mistoqsijiet mill-Kunsilliera.***

Nitlobkom ukoll tirreferu għall-artiklu 13 kif indikat ukoll hawn isfel.

Ordni tax-xogħol.
*Emendat:*
*XXI. 1999.41;*
*XVI. 2009.45.*

5. Wara li jkun sar l-ewwel xogħol, l-ordni tax-xogħol, kemm il-darba l-Kunsill ma jiddeċidix xorta oħra minħabba urġenza skont l-ordni permanenti 6, għandu jkun kif ġej:

(*a*) Jinqraw u jiġu kunsidrati l-minuti:

Kemm-il darba tiġi ċirkulata kopja lil kull membru qabel il-laqgħa, il-minuti għandhom jitqiesu bħala moqrija.

(*b*) Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirma l-minuti bħala dokument korrett.

(*c*) Biex jittratta x-xogħol espressivament meħtieġ mil-liġi jew biex isiru regolamenti.

(*d*) Biex jikkonsidra kull ħaġa li toħroġ mill-minuti preċedenti u biex jiddisponi x-xogħol, jekk ikun hemm, li jkun fadal mil-laqgħa ta' qabel.

(*e*) Biex jirċievi dawk il-komunikazzjonijiet li s-Sindku jista' jixtieq li jqiegħed quddiem il-Kunsill.

(*f*) Biex jirrispondi mistoqsijiet mill-kunsillieri.

(*g*) Biex jirċievi u jikkonsidra rapporti u minuti ta' kumitati u sotto-kumitati.

Mistoqsijiet.
*Emendat:*
*XXI. 1999.3*

13. (1) Membru jista' jsaqsi lis-Sindku u/jew lis-segretarju kull mistoqsija li għandha x'taqsam max-xogħol tal-Kunsill, kemm-il darba tiġi mgħarrfa l-persuna li tkun indirizzata għaliha qabel tibda l-laqgħa.

(2) L-ebda mistoqsija li ma jkollhiex x'taqsam mas-suġġett

tad-diskussjoni m'għandha ssir ħlief waqt il-parti tal-laqgħa li jkun hemm għal mistoqsijiet.

(3) Kull mistoqsija għandha ssir u tiġi mwieġba mingħajr diskussjoni.

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi tistgħu tipproċedu b'din il-laqgħa. Importanti li wieħed jinnota li dawn l-affarijiet ma jerġgħux jirrepetu ruħhom.

Joseph Tabone
Għad-Direttur (Gvern Lokali)

**From:** Byron Camilleri [mailto:byroncamilleri@gmail.com]
**Sent:** 26 October 2011 14:27
**To:** Bonello Charles at OPM; Fgura Local Council at DLG
**Cc:** Abela Carmel at OPM
**Subject:** RE: Agenda 26 t'Ottubru 2011

**cc. Direttur tal-Kunsilli Lokali**

Sur Charles Bonello,

Filwaqt li naqbel li l-item 'Mistoqsijiet' jibda jidhol fl-agenda, hekk kif issugerixxa s-Segretarju Ezekuttiv. Ma nistax nifhem ghaliex hija problema ghalik li nikkomunika it-twegibiet mibghuta lili dalghodu, fl-item 'Komunikazjoni mis-Sindku'. Dan la darba il-mistoqsijiet huma ndirizzati lis-Sindku, u huwa s-Sindku li jrid jikkomunika lill-Kunsilliera ir-risposta ta' dawn il-mistoqsijiet. Ghalhekk, nemmen li dawn it-twegibiet m'huma xejn hlief ezempju perfett ta' komunikazoni mis-Sindku.

Jidhirli li l-mod ta' kif issugerixxa s-Segretarju Ezekuttiv, huwa l-ahjar mod ta' kif jiprocedi il-Kunsill Lokali tal-Fgura, flimkien ma Kunsilli Lokali ohra. Harsa hafifa fuq l-internet turi li ;

- l-Kunsill Lokali Hal Safi fl-Agenda datata 27 t'Ottubru, 2011,
- l-Kunsill Lokali Hal Balzan fl-Agenda datata 26 'Ottubru, 2011
- l-Kunsill Lokali San Giljan datata 27 t'Ottubru, 2011

ukoll ma ghandhomx item dedikat ghall-mistoqsijiet. Ghalhekk, nissuggerixxi lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali sabiex fid-dawl li jidher li huma hafna l-Kunsilli li ma jinkludux l-item mistoqsijiet fl-Agenda tal-laqghat tal-Kunsill, tinhareg Memo sabiex tigwida lill-Kunsilli Lokali kollha f'din il-materja. Biex b'hekk nizguraw li l-Kunsilli Lokali ta' Malta u Ghawdex kollha, jimxu skond id-direzzjoni minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Inselli ghalik,
Byron Camilleri

**Byron Camilleri**
Mayor
Fgura Local Council

e | byroncamilleri@gmail.com
w | www.byroncamilleri.com
m | +356 79270207

**From:** Bonello Charles at OPM [mailto:charles.bonello@gov.mt]
**Sent:** 26 October 2011 12:42
**To:** Fgura Local Council at DLG
**Cc:** byroncamilleri@gmail.com; Abela Carmel at OPM
**Subject:** RE: Agenda 26 t'Ottubru 2011

Sur Segretarju,

Grazzi tar-risposta tieghek.

Kif forsi ma tafx peress li int ghadek gdid, jien kemm il-darba irrimarkajt fil-laqghat precidenti tal-Kunsill Lokali li l-Item "Kommunikazzjoni mis-Sindku" qieghed hemm (fl-opinjoni tieghi) sabiex is-Sindku jikkomunika mal-Kunsill il-hidma tieghu bejn laqgha u ohra. Esprimejt ruhi ukoll kemm il-darba li ma jistax ikun li dak kollu li ma jkunx fl-agenda jidhol bhala item "kommunikazzjoni mis-Sindku" u ahna l-kunsillieri nispiccaw f' cirkostanzi li rridu niddecidu fuq mozzjonijiet li johorgu minn dan l-item minghajr ma nkunu ppreparati.

Filwaqt li nifhem is-soluzzjoni li qed tipporva ssib, jekk naccetta l-proposta tieghek inkun qed inwaqqa l-argumenti kollha tieghi u nkun komplici f'dak li fl-opinjoni tieghi huwa abbuzz meta kollox qed jingabar f'dan l-item. Ghalhekk, is-soluzzjoni tieghek mhijiex accettabbli ghalija.

Fic-cirkostanzi, ma jifdalliex triq ohra hlief li neskala dan il-kaz quddiem id-Dipartiment tal-Gvern Lokali (id-direttur ikkuppjat f'din l-e mail) sabiex jghati rimedju SKOND IL-LIGI ghal din il-problema. Li nistaqsi mistoqsijiet huwa dritt tieghi bil-ligi u qed nesigi li dawn jitressqu skond kif ipprovdut fl-ordinijiet permanenti.

**Finalment, qed nigbed l-attenzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-laqgha in kwestjoni ser issir illejla. Anness hawn ukoll l-e mail originali li baghat lis-Segretarju ezekuttiv iktar kmieni llum.**

Grazzi hafna.

Dejjem tieghek,

**Charles BONELLO**
**Kunsillier**

---

**From:** Fgura Local Council at DLG
**Sent:** 26 October 2011 08:24
**To:** Bonello Charles at OPM
**Cc:** Camilleri Byron (byroncamilleri@gmail.com)
**Subject:** RE: Agenda 26 t'Ottubru 2011

Ghaziz Sur C Bonello,

Minhabba li kif innotajt inti, bi zvista, l-item 'mistoqsijiet' ma kienx inkluz fl-agenda tal-laqgha tal-Kunsill li ser tittella' llum, tajjeb li nipprocedu b'dan il-mod:

i) Dawn il-mistoqsijiet imressqa minnek ikunu mtellghin ghad-diskussjoni waqt l-item 'Komunikazzjoni mis-Sindku'.

ii) Fil-laqghat li gejjin l-item 'mistoqsijiet' jibda jkun inkluz fl-agenda hekk kif stipulat fis-sitt skeda.

Il-Jum it-tajjeb.

Tislijiet,
Christopher Cutajar

Segretarju Ezekuttiv
Kunsill Lokali Il-Fgura

---

**From:** Bonello Charles at OPM [mailto:charles.bonello@gov.mt]
**Sent:** Wed 26/10/2011 02:14
**To:** Fgura Local Council at DLG
**Cc:** Byron Camilleri
**Subject:** Agenda 26 t'Ottubru 2011

Sur Segretarju,

Qed nibghatlek annessi numru ta mistoqsijiet li nixtieq naghmel lis-Sindku fil-laqgha tal-lejla. Qed nghati dan l-avviz skond kif jipprovdu l-Ordnijiet Permanenti sezzjoni 13.

Mill-agenda, annessa mal-e mail ukoll, ma hemmx item mistoqsijiet skond kif jitolbu l-ordnijiet permanenti (nirreferik ghal sezzjoni 5 f) u ghalhekk nitolbok tindikali fi xhin ser ikolli l-opportunita li nghamel dawn il-mistoqsijiet.

Napprezza twegiba minghandek kemm jista jkun malajr.

Grazzi hafna.

Dejjem tieghek,

**Charles BONELLO**
**Kunsillier**

c.c Sindku, Kunsill Lokali Fgura